# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 17 ta' Frar 2022**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 851/2021 JVC**

**Kurt Hall u martu Nicola Hall (K.I. Nru. 564292M u 454592M)**

**vs**

**Ir-Registratur taz-Zwieg u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Kurt Hall u martu Nicola Hall ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti żżewġu fis-17 ta' April 2021 fil-Parrocca Frangiskana, Santwarju Madonna tas-Sacro Cuor, Patrijiet Frangiskani, Tas-Sliema (ara estratt mir-Registru taz-zwieg tal-Parrocca **Dok A**);

2. Illi erronjament id-dikjarazzjoni mar-Registru Pubbliku rigwardanti l-post taz-zwieg giet indikata bhala 'Kappella tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu, Tas-Sliema' (ara kopja tac-certifikat mir-Registru Pubbliku **Dok B**).

3. Illi jirrizulta b'mod car li c-certifikat tar-Registru Pubbliku ma jirriflettix ir-realta' tal-fatti u meta l-esponenti gharrfu b'dan l-izball lir-Reġistratur taż-Zwieġ, l-esponenti gew mgharrfa li tali korrezzjoni fuq ic-certifikat taz-zwieg kellu jsir b'kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Registru Pubbliku jigi ordnat mill-Qorti l-korrezzjoni tal-att civili taz-zwieg.

4. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

i. Tordna illi jigi registrat iz-zwieg tar-rikorrenti u bhala post taz-zwieg ghandu jigi indikat "Parrocca Frangiskana, Santwarju Madonna tas-Sacro Cuor, Patrijiet Frangiskani, Tas-Sliema" u dan wara li jigu kkancellati l-kliem "Kappella tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu`, Tas-Sliema";

ii. Tordna l-korrezzjoni tad-dokumenti uffiċjali kull fejn neċessarju.'.

Rat il-korrezzjonijiet li saru fl-istess rikors guramentat ai termini tal-verbal tad-9 ta' Dicembru, 2021 u tal-verbal tallum stess;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, l-esponent jikkjarifika illi r-Reġistratur taż-Żwieġ u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku huma l-istess persuna u għaldaqstant qed tiġi ppreżentata risposta waħda f'dawn il-proċeduri;

**2.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, jirriżulta illi r-rikorrenti effettivament talbu lir-Reġistratur taż-Żwieġ sabiex jiżżewġu bil-forma reliġjuża fis-17 t'April 2021 fil-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu', Tas-Sliema, Malta, ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan joħroġ ċar mit-talba għall-finijiet tal-artikolu 7(4) tal-Att dwar iż-Żwieġ iffirmata mir-rikorrenti nfushom, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1;

**3.** Illi l-indikazzjoni tal-post fejn kellhom jiżżewġu r-rikorrenti tinsab ukoll fuq it-tnidijiet taż-żwieġ, akkumpanjati minn dikjarazzjoni ffirmata mir-rikorrenti għall-finijiet tal-artikolu 7(5) tal-Att dwar iż-Żwieġ, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 2, u għalhekk huwa evidenti illi ma sar ebda żball mid-Direttur intimat fil-veste ta' Reġistratur taż-Żwieġ;

**4.** Illi eventwalment irriżulta illi r-rikorrenti żżewġu fil-Parroċċa Franġiskana, Santwarju Madonna tas-Sacro Cuor, tas-Sliema, u li għaldaqstant iż-żwieġ in kwistjoni kien ikkonċelebrat f'post li huwa differenti minn dak li kien indikat lir-Reġistratur taż-Żwieġ fil-mument li saru t-tnidijiet. Ir-Reġistratur taż-Żwieġ

la kien infurmat dwar dan il-kambjament u wisq anqas kien intalab jikkoreġi d-dokumentazzjoni relattiva maħruġa minnu;

**5.** Illi minħabba d-diskrepanzi li rriżultaw bejn it-tnidijiet li kienu ffirmaw ir-rikorrenti qabel iżżewġu u ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-Parroċċa, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti, id-Direttur intimat ma setax jirreġistra l-Att taż-Żwieġ relattiv u għalhekk l-atturi kellhom jirrikorru għall-proċeduri odjerni;

**6.** Illi filwaqt li l-esponent jiddikjara illi huwa ser jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, huwa umilment jirrileva illi r-rikorrenti għandhom jirregolaw ruħhom, stante illi dak mitlub minnhom ma jista' qatt jintlaqa' minħabba l-fatt illi l-Att taż-Żwieġ in kwistjoni ma ġiex irreġistrat mill-esponent, u xi ħaġa li ma teżistix ma tistax tiġi korretta. In-numru 123/2021 mhux in-numru progressiv tal-Att taż-Żwieġ kif jikkontendu r-rikorrenti, iżda huwa sempliċement in-numru abbinat mal-applikazzjoni intavolata mir-rikorrenti għar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tagħhom;

**7.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**8.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.'.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni skont il-Ligi a fol. 14 tal-process.

Illi mill-atti, partikolarment mill-affidavits esebiti llum stess tar-rikorrent Kurt Hall, tar-rikorrenti Nicola Hall u ta' Patri Paul Attard li jirrizulta sufficjentement pruvat lil din il-Qorti illi z-zwieg bejn ir-rikorrenti sehh effettivament fil-Parrocca Frangiskana Santwarju Madonna tas-Sacro Cuor, Patrijiet Frangiskani, Tas-Sliema u mhux fil-Kappella tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu`, Tas-Sliema u li ghaldaqstant jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi jigi registrat iz-zwieg tar-rikorrenti u bhala post taz-zwieg ghandu jigi indikat "Parrocca Frangiskana, Santwarju Madonna tas-Sacro Cuor, Patrijiet Frangiskani, Tas-Sliema" u dan wara li jigu kkancellati l-kliem "Kappella tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu`, Tas-Sliema";

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni tad-dokumenti ufficcjali fejn necessarju fil-poter tal-intimati.

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu

256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**17 ta’ Frar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta’ Frar, 2022**